# *SEARCHLIGHTS . . .*

*Hemm, fil-beraħ tas-sema li jwaħħax,*
*x'intom tfittxu, ħosbiena, ja dwal?*
*Tiġri magħkom il-ħarsa taż-żgħażagħ,*
*l-ommijiet qegħdin jibżgħu mat-tfal!*

*Mhux bħal dari, l-mistrieħ biex tagħtina,*
*reġgħet niżlet, għidu intom, ix-xemx?*
*Għaliex, mela, f'dil-kesħa ħriġtuna?*
*M'hemmx mistrieħ, din il-lejla, le, m'hemmx?*

*Konna rqadna bil-għeja mifnija,*
*konna rqadna ma' wliedna bil-ġugħ,*
*konna rqadna ma' ħutna mirduma,*
*konna rqadna taħt saqaf miftuħ...*

*Għaliex, mela, mill-ġdid qajjimtuna?*
*Ġibtu l-ħobż biex inxebbgħu l-ulied?...*
*Xi tħabbrilna dijitkom fis-sema?*
*Sejra tieqaf dil-qerda li bdiet?...*

*Ma narawx fid-dawl tagħkom it-tama*
*li ttaffilna d-dmugħ tagħna u l-uġigħ,*
*Ma jdawwalx id-dawl tagħkom lil artna;*
*Tridu ddawlu s-smewwiet minn dal-qiegħ?...*

*Għax jien nibża' li l-bniedem q'ed jaħseb*
*li l-għerf tiegħu, bla tarf, ma jintemmx*
*U b'hekk tkabbar. Min jaf fejn sa jasal?...*
*Jitħajjarx joħloq isbaħ mix-xemx?...*

*X'jiena ngħid? X'intom tfittxu? U... x'intilef?...*
*Ibqgħu fittxu, ibqgħu fittxu, ja dwal.*
*Tlifna l-Paċi... Meta aħna nsibuha,*
*intom titfu: u nifirħu mat-tfal!...*

DUN FRANS CAMILLERI